TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 49/17/F

**Caroline Grech**

**vs**

**Robert Tabone għan-nom tas-soċjeta' intimata Top Choice**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disa' mija u tmenin ewro (€980), rappreżentanti prezz ta' *television* li wara ftit kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *television* mingħand is-soċjeta' ntimata għal prezz ta' disa' mija u tmenin ewro (€980), u wara ftit kellu l-ħsara. Illi maż-żmien dan it-*television* beda jkollu iktar problemi u qalet li minkejja li s-soċjeta' ntimata ippruvat tagħti l-pariri ta' kif jista' jissewwa, dan ma sarx.

Illi fl-aħħar is-soċjeta' ntimata offriet li tagħtihom *television* ieħor bħalma kellhom.

It-Tribunal, jinnota illi minkejja li l-intimat irċieva n-notifika u għamel risposta bil-miktub, pero' dan m'attendiex għas-seduta. Għalkemm jidher li l-intimat offra *replacement* tat-*television* u r-rikorrenti m'aċċettatux.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900), u b'dan illi t-*television* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**